KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 53 Tnejn 18 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:25 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mario Sammut – Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier

ASSENTI
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsillier Micallef Costa ġie nfurmat biex jiprovdi kopja ta' ċertifikat mediku, biex l'assenza tiegħu tkun approvata b'apoloġija.

- Is-Sindku talab sospensjoni tal-minuti, sabiex jiġi diskuss *item* 53.5.1 Report by the Auditor General on the workings of Local Government 2016 u *item* 53.5.3 Budget 2018.

53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 52 .

Triq il-Fortizza

Is-Sindku nforma li ż-żibel ġewwa l'*industrial zone* sal-bieraħ kien għadu ma ngabarx. Is-Sindku nforma lil-membri li tkellem ma' L-Onor. Alex Muscat Uu ser jiltaqgħa xi uffiċjali mil-Ministeru

tal-Ministru Chris Cardona peress li żoni industrijali jaqaw taħt ir-responsabbilta ta' dan il-Ministeru.

TCTC- EM Citizen & EM Health Community Training for Adults & Elderly courses
Is-Sindku nforma li qed jiġi preparat *agreement* u ħa jkun iċ-ċirkulat u approvat fil-laqgħa li jmiss.

Dwal tal-Milied.
Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li din is-sena kienet rekord, fejn il-ġbir għad-dwal tat-toroq mingħand il-lommunita kummerċjali, inqabżu is-6000 Ewro.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 52.

53.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

53.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Approved Claims for Damages List
Is-Sindku nforma li l-bord magħmul minnhu, l-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Tua, ltaqaw biex jiġu evalwati l-*claims*. Ġew evalwati 10 *claims*, fejn 7 ħa jiġu rifondati u mhux kolla l-ammont *in full.* Fadal xi claims oħra fejn il-bord għad jrid jerġa jiltaqa' f'Jannar.

53.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Expenses for Qalbiena Mostin
Is-Sindku nforma li l-avvenimenti tal-Qalbiena Mostin infaqna €1,237.00, u ġie mdawwar rapport ta' spejjes madwar il-mejda. Din is-somma qabżet l'elf Ewro peress li kien hemm l-ispejjes tal-Pulizija li swew 210 Ewro.

53.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Bollards fi Triq il-Parroċċa Mosta
Is-Sindku nforma li wara li l-Kunsill approva dawn il-bollards, ġejna nfurmati minn Transport Malta li l'awtorita skond il-*policies* tagħha, mhux qed tapprova aċċess jew parkeġġ restritt biss lir-residenti ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

Transport Malta nfurmat lil Kunsill, li f'kaz li l-Kunsill jixtieq li din it-triq tiġi mibdula għal-żona pedonali għanda ssir talba formali u jiġu sottomessi dokumenti u rapporti ta' laqgħat mal-pubbliku, biex din tiġi diskussja mil-awtorita ta' l-immaniġjar tat-traffiku. Alternattiva oħra hija, li l-Kunsill jista wkoll japplika biex jitwaħħlu tabelli għal *no access to heavy vehicles*.

53.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Bye Law
Il-membri preżenti qablu li lis-*sticker* biex ir-residenti jirrispettaw sidien ta' garaxxijiet u ma jipparkjawx quddiem garaxxijiet, għanda tinbieħ għal 2 Ewro.

53.3.5 Korrispondenza -Quote Re Computer
Il-membri preżenti approvaw il-*quote*, u ħallew f'idejn is-Sindku biex jiċċekja lis-*specifications* peress li għandu l-esperjenza fuq dan il-qasam.

53.3.6 Korrispondenza – Draft Contract Pilot Project Training Proposal
Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza dwar Pilot Project fejn id-Dipartiment tal-gvern Lokali qed jipproponi li l-Kunsill tal-Mosta jkun parti min dan il-proġett peress li għanda Mosta Solidali fejn voluntiera jieħdu ħsieb anzjani waħedhom, nies bi problemi mentali, nies vulnerabli u/jew bi problemi soċjali etċ etċ.

Il-Kunsilliera Angele Rapa peress li responsabbli min Mosta Solidali, ħa tiltaqa' mar-Richmond Foundation u DLG biex iġġib iktar informazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat kopja tal-korrispondenza lil-Kunsilliera Rapa biex tagħmel appuntament.

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 53.4.1 First Aid Training u Food Handling Courses.

Is-Sindku talab l'approvazzjoni tal-membri preżenti biex jibda jsir *course* ta' First Aid Training. Dan it-tip ta' *course* kien sar fil-passat u bosta residenti kitbulna biex issaqsu jekk hux ħa jerġa jsir. Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet wkoll biex nġibu *quotes* għal-korsijiet tal-Food Handling peress li dan wkoll ġie mitlub min bosta residenti.

Il-membri preżenti unanimament approvaw sejħa għal-kwotazzjonijiet.

### 53.4.2 Ħmieġ ta' skart - Zokkrija

Il-Viċi Sindku talab jekk tajniex *feedback* lir-residenta li kitbet u ilmentat fuq l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret kommunikazzjoni mar-residenta, fejn issuġġeriet li jsiru CCTV *cameras* biex forsi jinqabdu min qed jarmi illegalment.

### 53.4.3 Skart

Il-Kunsillier Deguara qal li qed jintefaw il-boroż is-suwed ta' l-iskart fi Triq il-Pont kantuniera ma Triq Baskal Buhagiar. F'din il-kantuniera kien hemm tabella biex ma jintremiex skart u m'għadiex hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tintbagħat ittra lir-residenti ta' l-inħawi biex kwalunkwe boroz ta' skart jinħareġ quddiem il-bieb, u biex terġa teħel it-tabella.

### 53.4.4 Tal-Linja

Il-Kunsillier Deguara staqsa biex ninfurmaw lil Malta Public Transport li tal-linja numru 47 u 250 mhumiex spissi min Sta. Margerita għaż-Żokkrija, u ġieli l'anqas biss jgħaddu. Aparti min hekk jidher li l-ħinijiet ta' x'ħin suppost tgħaddi l-47 inbiddlu, imma fuq it-tabella baqaw l-istess u ma ġewx *updated.*

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tintbagħat *email* lil Kumpanija Malta Public Transport.

### 53.4.5 Triq San Ġużepp

Il-Kunsillier Gauci staqsa x'sar mil-ilment li għamel xi tlett xhur ilu, biex issir *speed bump* fi Triq San Ġużepp, peress li reġa ġie avviċinat min xi residenti. Is-Sindku nfurmaħ li sfortunatament hemm xogħol b'lura minn naħa ta' Transport Malta, fil-fatt is-Sindku spjega li *meeting* li sar f'Lulju ma Transport Malta fuq Triq Valletta *on-site*, għadu ma sar xejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsillier Gauci, li meta tintalab *speed bump*, ir-residenti jridu jimlew *petition* li jaqblu li ssir *speed bump,* peress li ġieli kelna nerġaw naqalgħu kollox għax joġġezjona ir-resident fejn tkun saret lis-*speed bump,* għax ma jkunx jrida quddiem il-bieb tiegħu.

Is-Sindku talab lil-Kunsillier Gauci biex jgħaddilu l-kopja tal-minuti li wera lir-resident, ħalli nirreferu għalihom, u nimxu min hemm.

### 53.4.6 Ħmieġ tal-ħamiem

Il-Kunsilliera Rapa qalet li n-naħa ta' l-oratorju hemm problema bil-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku qal li din hija problema li tifrex f'toroq oħra, pero' huwa kontra l-qtil kif sar min Kunsilli oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din il-problema ssemiet fil-*media* mil-Onor. Silvio Parnis, biex tinstab soluzzjoni pero' għad m'għandniex linja gwida mid-dipartiment.

### 53.4.7 Newsletter

Il-Kunsilliera Rapa staqsiet kif intgħażlu Kunsilliera biex jiktbu fin-*newsletter* u mhux oħrajn.
Is-Sindku spjega li ġew mitluba jiktuba Kunsilliera li ma kitbux fl'edizjoni ta' qabel, ħalli jkun hemm rotazjoni u jkollu ċans jikteb kulħadd.

- Fid-20:45 il-Kunsilliera Angele Rapa talbet biex tkun skużata għax kella bżonn titlaq.

### 53.4.8 Triq Karlu Darmanin

Il-Kunsiller Borg staqsa jekk hux ħa jsiru ir-*road markings* fi Triq Karlu Darmanin. Is-Sindku kkonferma li dawn ġew approvati, u Sindku talab wkoll biex fejn hemm lis-*splay,* titlaq parti mis-*soft area* peress li hemm problema ta' parkeġġ.

### 53.4.9 Mera fi Triq il-Għasel

Il-Kunsiller Borg qal li jrid jiġi arblu bil-mera fi Triq il-Għasel kantuniera ma Triq L-Għadajjar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat pjanta mmarkata lil Kunsillier Borg, biex jikkonferma l-post fejn trid tiġi l-mera.

### 53.4.10 Events Insurance

Il-Kunsillier Borg qal li huwa importanti biex meta norganizzaw avveniment nkunu koperti b'*insurance cover*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li meta jinħareġ *no objection* għal xi avveniment u/jew avveniment organizzat mil-Kunsill, is-*suppliers* li jkollom xi tip ta' *equipment* jintalbu biex jkunu koperti b'*insurance* kif titlob il-liġi, fejn *third parties* jridu jkunu koperti wkoll.

Il-membri preżenti qablu biex inġibu iktar informazzjoni għal-meta jkun avveniment organizzat mil-Kunsill.

### 53.4.11 Triq Ponsomby

Il-Kunsilliera Bonnici qalet li waslila ilment li hemm kaxxa safra żejda, peres li qegħda quddiem *store* li ilu magħluq għal-żmien twil. Din il-kaxxa safra qegħda xi erba bibien il-fuq min *motorcycle bay,* f'tarf Triq Ponsomby. Is-Sindku qal li bejn is-snin 1996 u 2008 ma kienx hawn Transport Malta allura ma kienx hawn approvazzjonijiet mill-awtorita.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex niċċekjaw fuq din il-kaxxa safra, biex jekk jirriżulta li din għalxejn tinbiddel f'kaxxa bajda.

### 53.4.12 Triq San Pawl tal-Qlejja

Il-Kunsilliera Bonnici qalet li hemm siġra fi Triq San Pawl tal-Qlejja li qegħda f'nofs entratura. Il-Binja inbnit wara, u s-siġra qatt ma tneħħiet jew ġiet rilokata.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex niċċekjaw fuqa.

#### 53.4.13 Tabella Triq Kostituzjoni
Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex issir tabella *no left turn* għal Triq Kurat Schembri, għax il-vetturi xorta qed jidħlu. It-tabella trid tiġi quddiem il-Marfel Jewellers, fi Triq Kostituzjoni.

#### 53.4.14 Ikla tal-Milied u Sena l-Ġdieda bejn Kunsillieri u Staff
Is-Sindku nforma li l-ikla ħa ssir il-Ġimgħa 5 ta' Jannar fis-7:30pm. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri li peress li mhux l-istaff kollu jista jattendi u ser titlaq waħda mill-istaff Liliana Borg, ħa ssir oħra ma l-istaff is-Sibt 20 ta' Jannar f'nofs in-nhar.

#### 53.4.15 Contracts Manager
Is-Sindku nforma li biex jkollna kontrol fuq il-kuntratturi u niżguraw li x-xogħolijiet qed jsiru, hemm bżonn li noħorġu *tender* għal Contracts Manager li ma jkunx *full-time*, peress li ma jistax jkun li sia s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-*handyman* joħorġu jiċċekjaw u joqgħodu għassa fuq ix-xogħolijiet. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

#### 53.4.16 Party għal-anzjani
Is-Sindku nforma li l-*party* għal-anzjani ħa jsir fid-29 ta' Diċembru, biljetti bi prezz ta' 3 Ewro, u l-kumplament tal-ammont ħa jitħallas mil-Kunsill.

### 53.5 Rapporti

#### 53.5.1 Report by the Auditor General on the workings of Local Government 2016
L-*accountant* Daniel Galea, spjega r-rapport tal-Awditur Ġenerali u ħa tkun qed tiġi preparata risposta.

#### 53.5.2 Update- Applikazzjoni Interna għall-post ta' Skrivan Skala 15
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri li l-post l-ewwel ħarġet internament, imbagħad ħarġet għal-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex. Fiż-żewġ istanzi m'applika ħadt, u issa dan il-post ħareġ esternament mil-JobsPlus, fejn is-*submission deadline* għal min jrid japplika tagħlaq fil-25 ta' Diċembru 2017.

Is-Sindku nforma li l-bord għal l-*interviews* ħa jkun magħmul mis-Sindku Keith Cassar, Viċi Sindku James Cassar, Kunsilliera Dr. Rachel Tua u s-Segretarju Eżekuttiv.

#### 53.5.3 Budget 2018
L-*accountant* Daniel Galea, spjega l-*budget* ta' x'kellna fl'2017 u x'kien *forecasted.* Bħala figuri min Jannar għal Settembru huma attwali, u kalkolu ta' x'qed jiġri fl-aħħar *quarter* tas-sena. Fuq dawn il-figuri inbena l-*budget* tat-2018.

Bħala dħul il-kunsill fl-2017 kellu *budget* ta' 1.4 miljuni, *forecast* 1.4 miljuni u dħul għal-2018 qed jiġi *budgeted* 1.4 miljuni. Bħala ħruġ il-kunsill fl-2017 kellu *budget* ta' €1.246,506, *forecast* €1.262,156 u ħruġ għal-2018 qed jiġi *budgeted* 1.239,734 miljuni.

2017 *surplus* ta' natura kurrenti kellna *budget* ta' 198,000, qed jiġi *forecasted budget* ta' *surplus* ta' 196,000, u għal 2018 *budget* ta' 206,000. Is-Sur Galea spjega li l-għanijiet li l-kunsill kellu għal-2017 kważi laħaqhom peress li s-sena 2017 għada ma spiċċatx u qegħdin fil-proċess li tingħalaq, u qed nibbaġġitjaw li n-*net figure* ta' l-2018 u ħa jkun l-istess ammont. Għalhekk id-*deficit* għandu jkompli jinżel.

L-*accountant* informa lil membri li l'allokazzjoni għas-sena 2018 ħa tkun ta' 1.236,000 Ewro. Skond ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali, Kunsill jrid jkollu surplus ta' 10%, u għas-sena 2018 qed jiġi kkalkulat li l-kunsill jkun *plus* 9%, li huwa sinjal tajjeb meta wieħed jikkonsidra min fejn telaq il-kunsill bid-dejn li kellu.

**53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**53.6.1 Skeda ta' pagamenti**
L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**52.6.2 Purchase Orders**
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**52.6.3 Works Orders**
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**52.6.4 Petty Cash**
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**53.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-15 ta' Jannar 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 18 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |